MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 6/2004

**Saviour Farrugia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Mejju, 2004, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"**Decizjoni appellata:-

*'B' referenza ghat-talba tieghek ghal Pensjoni ghall-Irtirar (RP) li ggib id-data ta' 02/06/2003, ghandi ninfurmak illi m' intix intitolat ghal beneficcju ghaliex:*

*Il-medja minn sena ghal sena ta’ kontribuzzjonijiet imhallsa minnek jew akkreditati lilek hija anqas minn 20 (artiklu 17(5)).’*

L-appell:-

*‘Jien ilni ma nahdem mill-1983 u kont nirregistra, u ghal dawn l-ahhar sitt snin kont nircievi l-Ghajnuna Socjali. Nigbed l-attenzjoni illi jien wara li rcevejt din id-decizjoni mort il-Customer Care tad-dipartiment u dawn talbuni biex nerga’ naghmel applikazzjoni ohra. Issa fuq it-tieni applikazzjoni ma hargux decizjoni bil-miktub izda infurmawni bil-fomm li t-tieni talba tieghi ma gietx milqugha. Ghalhekk l-appell qed naghmlu llum peress illi jien kont qed nistenna l-ezitu tat-tieni applikazzjoni. Jien gejt infurmat bid-decizjoni tat-tieni applikazzjoni fit-3 ta’ Settembru 2003 kemm mill-Customer Care tad-dipartiment u kemm mill-Area Office ta’ San Gwann.’*

Risposta tad-Direttur:-

*‘Id-Direttur qed jissottometti:*

*1. Kopja ta’ l-applikazzjoni.*
*2. Kopja ta’ l-ETC record dwar impjiegi li kellu l-appellant mis-sena 1976 sas-sena 1982.*
*3. Kopja ta’ l-Att Nru. II ta’ l-2002 li bis-sahha ta’ l-Artikolu 61 emenda l-Artikolu 16 ta’ l-Att principali.*

*Jirrizulta li:*

*(a) L-appellant irregistra ghax-xoghol taht l-Ewwel Parti tar-Registru mit-12 ta’ April 1982 sa l-4 ta’ Ottubru 1982.*
*(b) L-appellant irregistra ghax-xoghol taht l-Ewwel Parti tar-Registru mit-22 ta’ April 1996 sat-30 ta’ Dicembru 2002.*

*Dan ifisser li l-appellant ghamel perjodu ta’ mhux anqas minn erbatax-il sena (bejn is-sena 1982 u s-sena 1996) minghajr:*

*(i) ma jirregistra taht l-Ewwel Parti tar-Registru.*

*(ii) ma jiddikjara ruhu li kien 'employed' jew 'self-occupied'.*
*(iii) ma jissottometti certifikati medici li ghall-perjodu msemmi hu kien inkapaci milli jahdem.*

*F' kelma wahda, erbatax-il sena ta' bahh assolut.*

*U appuntu minhabba dan il-bahh, fejn is-Sur Farrugia ma ressaq l-ebda prova li f' dan iz-zmien, jigifieri Ottubru 1982 u April 1996,*

*1. hu kien persuna normalment impjegata f' impjieg assigurabbli jew tahdem ghaliha nnifisha u normalment toqghod fuq dak l-impjieg jew dak ix-xoghol li taghmel ghaliha, sabiex tghix, jew*

*2. certifikat mill-Korporazzjoni dwar is-Servizzi ta' l-Impjieg u t-Tahrig li hu persuna li ma tistax tigi mpjegata u minhabba f' hekk hu registrat taht it-Tielet Taqsima ta' l-imsemmi Registru,*

*Id-Direttur ihoss li ma setax f' dan il-kaz, japplika l-provedimenti ta' l-Artiklu 16 (3) (b) u jikkredita l-perjodu ta' registrar bejn l-1996 u s-sena 2002, ghaliex l-istess Artiklu 16 (3) (b) jorbot id-dritt ta' l-akkreditar ta' perjodu ta' Registrar ghax-xoghol, maz-zewg kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija.*

*Skond l-Artiklu 16 kif gie emendat bis-sub-artiklu 16 (3) (b) (ii) b' sehh minn Jannar 2001, hu tassattiv li biex persuna tigi ntitolata ghall-akkreditar ta' kontribuzzjoni ghandu jirrizulta li* ***minnufih qabel*** *il-jedd li jkollha ghal xi kreditu* ***hi ghandha tkun*** *jew f' impjieg assigurabbli, jew tahdem ghaliha nnifisha jew li tkun registrata taht l-Ewwel Taqsima tar-Registru. Dan kollu skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu 16.*

*L-appellant ma jissodisfa l-ebda wahda minn dawn il-kundizzjonijiet minhabba s-snin ta' bahh imsemmija hawn fuq u ghalhekk mhux intitolat ghall-akkreditar ghall-perjodu li fih irregistra indikat f' (b) hawn fuq.'*

Skond l-Att dwar is-Sigurta` Socjali, persuna tikkwalifika ghall-Pensjoni ghal Irtirar jekk ikollha medja ta' ghoxrin (20) kontribuzzjoni mhallsa fis-sena.

Dan ir-rekwizit l-appellant manifestament ma jissodisfahx u ghalhekk mhux intitolat ghall-Pensjoni ghal Irtirar.

Ghaldaqstant l-Arbitru jichad dan l-appell."

Fil-korp ta' l-appell tieghu minn din is-sentenza r-rikorrenti Saviour Farrugia jqanqal b' aggravji dawn l-ilmenti:-

I. Fil-proceduri quddiem l-Arbitru hu ma kellux assistenza legali u dan jikkostitwixxi ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea;

II. Fuq din il-bazi hu jillanja li ma saretx difiza xierqa. Jissottometti li hu kellu raguni valida b' gustifikazzjoni ghan-nuqqas tieghu li jahdem jew li jirregistra, anke jekk jaccetta li hu naqas milli jressaq certifikati in sostenn ta' din is-sottomissjoni tieghu;

Din il-Qorti tistqarr mill-bidunett illi ma taqbel xejn ma' l-ilmenti suesposti u anzi tikkonsidrahom ghal kollox insostenibbli;

Innegabilment, in linea preliminari ta' principju, hemm qbil illi d-dritt ghas-smigh xieraq u l-facilita` li, fid-difiza tal-kaz tieghu, persuna ghandha jkollha rapprezentanza legali adegwat u effettiva. Dana, anke wkoll, sabiex jigi osservat il-principju kostituzzjonali u konvenzjonali ta' l-"*equality of arms*". Ara f' dan is-sens id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Carmelo *sive* Charles Ellul Sullivan *et***", 5 ta' April 1989;

Irid jinghad illi ghalkemm id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni jaghmlu espressa referenza ghall-proceduri penali, dan ma jfisserx illi fi

proceduri civili l-istess dritt ma huwiex ukoll konsentit. “Dan proprju ghaliex kemm il-Konvenzjoni kif ukoll il-Kostituzzjoni jassiguraw illi fid-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi civili, kull individwu kien intitolat ghal smigh xieraq u adegwat. Smigh xieraq li certament jinkludi fost l-elementi kostitutivi tieghu dak ta’ l-assistenza minn persuna kompetenti fid-difiza tal-jeddijiet tieghu” – “**Joseph Grech -vs- L-Avukat Generali**”, Qorti Kostituzzjonali, 20 ta’ Dicembru 2000;

Ezaminat il-kaz in diskussjoni fid-dawl ta’ dawn il-principji din il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1) Ibda biex mill-atti ma jirrizultax illi l-appellant f’ xi mument fil-kors tas-smigh tal-kaz tieghu quddiem l-Arbitru talab li jkollu assistenza legali u din giet negata lilu. Huwa ghazel li jiddefendi l-kaz tieghu <u>personalment</u> u dan jirrientra fost id-dirttijiet minimi li jsemmu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

2) Fit-tieni lok, mill-istess inkartament tal-kaz din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-kontroparti fil-proceduri quddiem l-Arbitru lanqas ma kienet assistita minn rapprezentant legali. Iz-zewg partijiet ghalhekk kienu fl-istess qaghda li b’ mod personalizzat jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom u b’ hekk jipprezentaw rispettivament il-kaz taghhom;

3) Dak li verament jipprovdu dwaru l-ligijiet precitati – il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni – huwa li huma jinghataw l-opportunita` siha ta’ difiza jew personalment jew permezz ta’ l-avukat ta’ fiducja taghhom. Opportunita` din li l-Qrati taghna, kif manifest f’ bosta decizjonijiet, minn dejjem kienu geluzi li jharsu, u dan minn qabel il-promulgazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta’ gustizzja naturali, kodifikati fl-imsemmija ligijiet. Ara, b’ ezemplari, **Kollez. Vol. XXXII P II p 350; Vol. XXXIII P I p 648; Vol. XXXV P II p 514** u **Vol. XXXVII P II p 675**, fost bosta ohrajn;

4) Kif ravvizat fil-precitata sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali “**Joseph Grech -vs- L-Avukat Generali**”, jekk ghal xi raguni jonqsu milli jaghmlu uzu mill-opportunita` li l-ligi takkordalhom, “huma certament ma jkunux jistghu jilmentaw li ma jkunux inghataw smiegh xieraq skond il-Konvenzjoni u skond il-Kostituzzjoni. Setghu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x’ kienet ir-raguni, l-opportunita` li jaghmlu uzu mill-mezzi mqieghda ghad-disposizzjoni taghhom skond ir-regoli procedurali li jiggvernaw il-process”;

5) Fiha ssokta jinghad illi “sakemm il-Qorti (u dan jghodd ghal kull tribunal, amministrattiv jew kwazi gudizzjarju) tkun korretta fl-applikazzjoni tar-regoli u ma tkunx proprju ppregudikat dik il-kwalita` ta’ *fairness* li tirrizulta minn non-osservanza tal-principju ta’ l-*equality of arms*, wiehed ma setax jghid li kienet tirrizulta lezjoni tal-jedd fundamentali ta’ smiegh xieraq”;

6) In vista tal-precitati konsiderazzjonijiet l-aggravju centrali ta’ l-appellant ifalli ghal kollox;

Skartat dan l-aggravju principali, l-ilment li jsegwi jibqa’ bla fondament logiku u guridiku. Lanqas ma kien mistenni li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta’ prova kostitwita bic-certifikat mediku li ma ngabetx ghall-attenzjoni ta’ l-Arbitru. Kif inhu aspettat, gudikant jew arbitru kellu jiehu bhala bazi tal-gudizzju l-fatti pruvati. Hu biss fuq l-istregwa tar-rizultanzi istruttorji illi kien mistenni li tinghata d-decizjoni. F’ dan il-kaz, imbaghad, tali decizjoni, kif prefiss mis-subinciz (9) ta’ l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 318, kellha tkun skond “il-principju tal-gustizzja u ekwita`”. Principju dan li necessarjament kellu jkollu applikabilita` in segwitu ghall-principju l-iehor illi d-decizjoni tkun “*iuxta allegata et probata*”. Hi l-fehma konsiderata tal-Qorti illi fuq il-provi attendibbli u l-konstatazzjonijiet li saru kemm mill-Arbitru, u d-Direttur qablu, ikkonformaw ruhhom man-norma tal-ligi riferibilment ghall-intitolar tal-Pensjoni ghall-Irtirar;

Biex jinghad kollox din il-Qorti ghandha sospett illi c-certifikat mediku esebit flimkien ma' l-appell gie maghmul unikament ghall-okkazjoni biex jaghti sembjanza ta' dik ir-realta supposta u b' hekk forsi l-appellant jircievi minn din il-Qorti dik l-indulgenza li tassikuralu dik il-pensjoni li legalment ma kienx jikkwalifika ghaliha. Ferma din l-osservazzjoni, apparti dak gja rilevat *supra*, mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzjoni ta' l-Arbitru fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell domandanti r-revoka tad-decizjoni appellata ta' l-Arbitru, u b' hekk tikkonferma l-istess decizjoni; bl-ispejjez, fic-cirkostanzi tal-kaz, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------